II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-12 ta' Frar 2008

dwar il-prinċipji, il-prijoritajiet u l-kondizzjonijiet li jinsabu fis-Sħubija għall-Adeżjoni mal-Kroazja u li tħassar id-Deċiżjoni 2006/145/KE

(2008/119/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 533/2004 tat-22 ta' Marzu 2004 dwar it-twaqqif ta' sħubiji fil-qafas tal-proċess ta' stabbilizazzjoni u assoċjazzjoni [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Kunsill Ewropew ta' Tessaloniki tad-19 u l-20 ta' Ġunju 2003 approva l-introduzzjoni ta' sħubiji bħala mezz biex issaħħ il-perspettiva Ewropea tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 533/2004 jipprevedi li l-Kunsill għandu jiddeċiedi dwar il-prinċipji, il-prijoritajiet u l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu inklużi fl-isħubiji Ewropej, kif ukoll dwar aġġustamenti sussegwenti. Huwa ddikjarat ukoll li s-segwitu ta' l-Isħubiji ta' Adeżjoni se jkun żgurat permezz tal-mekkaniżmi stabbiliti skond il-proċess ta' stabilizzazzjoni u assoċjazzjoni, prinċipalment permezz tar-rapporti annwali ta' progress.

(3) Wara l-Isħubija Ewropea ta' l-2004, fl-20 ta' Frar 2006 l-Kunsill adotta l-ewwel Sħubija għall-Adeżjoni mal-Kroazja [2].

(4) Fit-3 ta' Ottubru 2005, l-Istati Membri bdew in-negozjati mal-Kroazja dwar l-adeżjoni tagħha ma' l-Unjoni Ewropea. Il-progress tan-negozjati ser jiġi ggwidat mill-progress tal-Kroazja fit-tħejjija għall-adeżjoni, li ser jitqies, inter alia, fuq il-bażi ta' konsiderazzjoni ta' l-implementazzjoni ta' l-Isħubija għall-Adeżjoni, skond kif riveduta regolarment.

(5) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija tat-Tkabbir u l-Isfidi Ewlenin għall-2006-2007 indikat li l-isħubiji jiġu aġġornati fi tmiem l-2007.

(6) Fis-17 ta' Lulju ta' l-2006 l-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 1085/2006 li jistabbilixxi strument għall-għajnuna ta' qabel l-adeżjoni (IPA) [3], li jġedded il-qafas għall-għajnuna finanzjarja għal pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni.

(7) Jixraq għalhekk li tiġi adottata Sħubija ta' Adeżjoni riveduta li taġġorna l-isħubija attwali sabiex jiġu identifikati prijoritajiet imġedda għal xogħol ulterjuri, fuq il-bażi tal-konklużjonijiet tar-Rapport ta' Progress ta' l-2007 dwar it-tħejjijiet tal-Kroazja għal integrazzjoni akbar ma' l-Unjoni Ewropea.

[1] ĠU L 86, 24.3.2004, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 269/2006 (ĠU L 47, 17.2.2006, p. 7).

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/145/KE ta' l-20 ta' Frar 2006 dwar il-prinċipji, il-prijoritajiet u l-kondizzjonijiet li jinsabu fl-Isħubija ta' Adeżjoni mal-Kroazja (ĠU L 55, 25.2.2006, p. 30).

[3] ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82.

(8) Sabiex tħejji għall-adeżjoni, il-Kroazja mistennija tiżviluppa pjan bi programm skedat u b'miżuri speċifiċi li jindirizzaw il-prijoritajiet ta' l-Isħubija għall-Adeżjoni.

(9) Id-Deċiżjoni 2006/145/KE għandha titħassar,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Konformement mar-Regolament (KE) Nru 533/2004, il-prinċipji, il-prijoritajiet u l-kundizzjonijiet li jinsabu fl-Isħubija għall-Adeżjoni mal-Kroazja huma stabbiliti fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

L-implementazzjoni ta' l-Isħubija għall-Adeżjoni għandha tiġi eżaminata u sorveljata permezz tal-mekkaniżmi stabbiliti skond il-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, u mill-Kunsill fuq il-bażi tar-rapporti annwali preżentati mill-Kummissjoni.

Artikolu 3

Id-Deċiżjoni 2006/145/KE għandha titħassar.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 12 ta' Frar 2008.

Għall-Kunsill

Il-President

A. BAJUK

ANNESS

KROAZJA: SĦUBIJA GĦALL-ADEŻJONI 2007

1. INTRODUZZJONI

Il-verżjoni riveduta proposta ta' l-Isħubija għall-Adeżjoni taġġorna l-ewwel verżjoni, fuq il-bażi tas-sejbiet tar-Rapport ta' Progress ta' l-2007 tal-Kummissjoni dwar il-Kroazja. Hija tidentifika l-prijoritajiet ta' azzjoni l-ġodda kif ukoll dawk li għadhom ma twettqux. Il-prijoritajiet ġodda huma adattati għall-ħtiġijiet speċifiċi u għall-istadju tat-tħejjijiet tal-pajjiż u jkunu aġġornati kif ikun meħtieġ. Il-Kroazja hija mistennija tiżviluppa pjan li jinkludi programm u miżuri speċifiċi li jindirizzaw il-prijoritajiet tas-Sħubija għall-Adeżjoni. Is-Sħubija għall-Adeżjoni tipprovdi wkoll gwida għall-assistenza finanzjarja lill-pajjiż.

2. PRINĊIPJI

Il-Proċess ta' Stabbilizazzjoni u Assoċjazzjoni jibqa' l-qafas għall-mira Ewropea tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, matul it-triq kollha li twassal għas-sħubija ġejjiena tagħhom. Il-prijioritajiet ewlenin identifikati għall-Kroazja huma dwar il-kapaċità tiegħu li jissodisfa l-kriterji stabbiliti mill-Kunsill Ewropew ta' Kopenħagen fl-1993 u l-kundizzjonijiet stabbiliti għall-Proċess ta' Stabbilizazzjoni u Assoċjazzjoni, speċjalment il-kundizzjonijiet espressi mill-Kunsill fil-Konklużjonijiet tad-29 ta' April 1997 u l-21 u t-22 ta' Ġunju 1999, id-dikjarazzjoni finali tas-Samit ta' Żagreb ta' l-24 ta' Novembru 2000 u l-Aġenda ta' Tessaloniki, kif ukoll ir-rekwiżiti tal-qafas tan-negozjar adottat mill-Kunsill fit-3 ta' Ottubru 2005.

3. PRIJORITAJIET

Il-prijoritajiet elenkati f'din is-Sħubija għall-Adeżjoni ġew magħżula fuq il-bażi li huwa realistiku li tistenna li l-Kroazja tista' tlestihom jew tmexxihom sostanzjalment 'il quddiem matul il-ftit snin li ġejjin. Il-prijoritajiet jikkonċernaw kemm il-leġiżlazzjoni kif ukoll l-implementazzjoni tagħha.

Minħabba l-ħtieġa ta' l-iffissar tal-prijoritajiet, jidher ċar li hemm ħidmiet oħra li l-Kroazja trid twettaq li jistgħu jsiru prijoritajiet fi kwalunkwe sħubija fil-ġejjieni, filwaqt li jitqies ukoll il-progress li fil-futur ser tikseb il-Kroazja.

Fost il-prijoritajiet, il-prijoritajiet ewlenin ġew identifikati u miġbura flimkien fil-bidu tat-taqsima ta' hawn taħt. L-ordni ta' dawn il-prijoritajiet ewlenin ma timplikax klassifika gradatorja ta' l-importanza tagħhom.

Prijoritajiet Ewlenin

— L-iżgurar ta' implimentazzjoni xierqa ta' l-impenji kollha sottoskritti fil-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

— L-aġġornar u l-implimentar ta' l-istrateġija u l-pjan ta' azzjoni għar-riforma tas-sistema ġudizzjarja.

— L-adozzjoni u l-implimentazzjoni rapida ta' qafas strateġiku għar-riforma ta' l-amministrazzjoni pubblika.

— L-aġġornar u l-aċċellerazzjoni ta' l-implimentazzjoni tal-programm ta' kontra l-korruzzjoni u pjani ta' azzjoni relatati u l-iżgurar ta' sforzi aktar koordinati u proattivi biex tiġi evitata, tinkixef u tkun miġġielda effettivament il-korruzzjoni speċjalment fuq livell għoli.

— L-implimentazzjoni tal-Liġi Kostituzzjonali dwar il-Minoritajiet Nazzjonali, b'attenzjoni partikolari li għandha tingħata lid-dispożizzjonijiet tagħha li jiggarantixxu rappreżentazzjoni proporzjonali tal-minoritajiet fil-qasam ta' l-impjieg. Tiġi miġġielda fuq medda aktar wiesgħa kontra d-diskriminazzjoni fis-settur pubbliku.

— It-twassil sat-tmiem tal-proċess tar-ritorn tar-refuġjati; ir-riżoluzzjoni definittiva tal-problemi kollha ta' forniment ta' akkomodazzjoni lil min kellu dritt għal okkupazzjoni jew kera; it-twassil sat-tmien tar-rikostruzzjoni u l-pussess mill-ġdid tal-proprjetà u tinfetaħ mill-ġdid il-possibbiltà għal talbiet ta' konvalidazzjoni.

— Is-segwiment ta' sforzi mmirati lejn ir-rikonċiljazzjoni fost iċ-ċittadini fir-reġjun.

— Jittejjbu l-isforzi biex jinsabu soluzzjonijiet definittivi għal kwistjonijiet bilaterali pendenti [1], b'mod partikolari kwistjonijiet dwar il-fruntieri mas-Slovenja, mas-Serbja, mal-Montenegro u l-Bosnja u Ħerzegovina; u tiġi riżolta l-kwistjoni dwar iż-Żona ta' Protezzjoni Ekoloġika u tas-Sajd.

— Iż-żamma ta' koperazzjoni sħiħa mat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għall-ex-Jugoslavja u l-iżgurar ta' integrità fil-proċeduri penali nazzjonali kontra l-kriminalitajiet tal-gwerra.

— It-titjib fl-ambjent ta' l-impriżi u l-potenzjal tat-tkabbir ekonomiku, b'mod partikolari permezz tat-tnaqqis fis-sussidji, ir-ristrutturazzjoni ta' l-impriżi kbar li qed jirreġistraw telf u t-tkabbir fl-effiċjenza tan-nefqa pubblika.

Kriterji Politiċi

Demokrazija u stat tad-dritt

Amministrazzjoni pubblika

— L-implimentazzjoni sħiħa tal-miżuri ta' riforma ta' l-amministrazzjoni pubblika fir-rigward ta' proċeduri amministrattivi u tar-reklutaġġ, il-promozzjoni, it-taħriġ u d-depolitiċiżżazzjoni; it-titjib fil-ġestjoni tar-riżorsi umani fis-setturi ta' l-amministrazzjoni pubblika.

Sistema ġudizzjarja

— It-tnaqqis sostanzjali tal-każi b'lura fil-qrati u l-iżgurar ta' tul ta' żmien raġonevoli tal-proċeduri ġudizzjarji.

— Ir-razzjonalizzazzjoni ta' l-organizzazzjoni tal-qrati, inkluża l-introduzzjoni ta' sistemi moderni tat-teknoloġija ta' l-informatika.

— Il-ħolqien ta' sistema ġusta u trasparenti ta' reklutaġġ, evalwazzjoni u promozzjoni u miżuri dixxiplinari fil-ġudikatura u t-titjib tal-professjonaliżmu permezz ta' taħriġ ta' kwalità għolja appoġġat minn finanzjament adegwat ta' l-Akkademja tal-Ġustizzja, inkluż fil-liġi ta' l-UE.

— Miżuri għall-assigurazzjoni ta' l-eżekuzzjoni xierqa u sħiħa tad-deċiżjonijiet tal-qrati.

Politika kontra l-korruzzjoni

— It-tkomplija ta' l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Kodiċi tal-Kondotta jew ta' l-etika għall-uffiċjali u r-rappreżentanti eletti kif ukoll pjanijiet ta' azzjoni li jipprevjenu l-korruzzjoni fl-aġenziji rilevanti ta' l-infurzar tal-liġi (il-pulizija tal-fruntieri, il-pulizija, id-dwana, il-ġudikatura) u f'istituzzjonijiet u aġenziji oħrajn tas-settur pubbliku; l-indirizzar sħiħ tal-korruzzjoni relatat ma' l-akkwist pubbliku. Il-ħolqien ta' unitajiet speċjalizzati għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni fi ħdan is-servizzi xierqa permezz ta' mekkaniżmu adegwat ta' koordinazzjoni bejniethom u l-għoti lilhom ta' taħriġ u riżorsi xierqa.

— It-teħid ta' passi biex jiġi żgurat li l-qafas legali biex tingħeleb il-korruzzjoni ikun implimentat u infurzat b'mod uniformi inkluż permezz ta' l-użu ta' statistika adegwata. L-iżgurar li jintlaħqu l-istandards stabbiliti minn strumenti internazzjonali, billi jittieħdu l-miżuri leġiżlattivi u amministrattivi xierqa.

— L-implimentazzjoni ta' azzjonijiet konkreti sabiex titqajjem kuxjenza pubblika dwar il-korruzzjoni bħala reat kriminali gravi.

— L-iżgurar tal-koperazzjoni sħiħa ta' l-awtoritajiet ta' l-istat ma' l-Uffiċċju għall-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni u l-Kriminalità Organizzata.

Drittijiet tal-bniedem u protezzjoni tal-minoranzi

— L-assigurazzjoni ta' l-aċċessibbiltà għall-ġustizzja u l-għajnuna legali u l-ħolqien ta' disponibbiltà tar-riżorsi korrispondenti mill-budget.

— Il-promozzjoni tar-rispett lejn il-minoranzi u l-protezzjoni tagħhom skond il-liġi internazzjonali u l-aħjar prattika fl-Istati Membri ta' l-UE.

[1] Xi Stati Membri ssottolinjaw f'dan il-kuntest l-importanza tat-tħaffif tal-proċess tar-restituzzjoni tal-proprjetà, f'konformità mas-sentenzi rilevanti tal-Qorti Kostituzzjonali Kroata.

— L-inkuraġġiment ta' spirtu ta' tolleranza fir-rigward tal-minoritajiet Serbi u r-Roma u t-teħid ta' miżuri għall-protezzjoni ta' membri ta' komunitajiet minoritarji li jistgħu jkunu suġġetti għat-theddid jew atti ta' diskriminazzjoni, ostilità jew vjolenza.

— It-tkomplija l-implementazzjoni ta' l-istrateġija u tal-pjan ta' azzjoni għall-protezzjoni u l-integrazzjoni tar-Roma u l-assigurazzjoni tad-disponibbiltà tal-mezzi meħtieġa, speċjalment fir-rigward ta' l-impjieg, l-edukazzjoni u d-djar.

— L-adozzjoni u l-implementazzjoni ta' strateġija globali għal kontra d-diskriminazzjoni.

Kwistjonijiet reġjonali u obbligi internazzjonali

— Ir-rispett sħiħ tal-ftehim ta' l-4 ta' Ġunju 2004 dwar iż-Żona ta' Protezzjoni Ekoloġika u tas-Sajd imsemmi fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2004 u l-Qafas ta' Negozjar u ma jiġi applikat l-ebda aspett taż-Żona lill-Istati Membri ta' l-UE sakemm ma jkunx instab qbil komuni fl-ispirtu ta' l-UE.

— L-iżgurar ta' l-integrità ta' proċeduri fir-rigward tal-kriminalitajiet tal-gwerra, b'mod partikolari billi tingħata garanzija li jintemm il-preġudizzju etniku kontra s-Serbi, inkluża l-applikazzjoni ta' standard uniformi ta' responsabbiltà kriminali u sigurtà mtejba għax-xhieda u l-informaturi.

— L-assigurazzjoni ta' koordinazzjoni u koperazzjoni adegwati bejn l-awtoritajiet kollha rilevanti fil-livelli ċentrali u lokali dwar kwistjonijiet tar-ritorn tar-rifuġjati.

— L-intensifikar ta' l-isforzi biex jissolvew mal-ġirien il-problemi kollha li għandhom x'jaqsmu mat-telfien tad-drittijiet ta' okkupazzjoni u l-kera.

— Il-ħolqien ta' kundizzjonijiet soċjali u ekonomiċi għat-titjib fil-klima ta' l-integrazzjoni mill-ġdid ta' dawk li jiġu lura u l-aċċettazzjoni tagħhom mill-komunitajiet li jilqgħuhom, anke permezz ta' programmi ta' żvilupp reġjonali fiż-żoni milquta.

— Jingħata kontribut għat-tisħiħ tal-koperazzjoni reġjonali, speċjalment permezz tal-promozzjoni tal-proċess tranżitorju mill-Patt ta' Stabilità għal qafas ta' koperazzjoni mfassal aktar b'mod partikolari għar-reġjun u l-implimentazzjoni effikaċi tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles ta' l-Ewropa Ċentrali (CEFTA).

— L-implementazzjoni sħiħa tal-ftehimiet mal-pajjiżi ġirien, notevolment fir-rigward tal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, il-ġestjoni tal-fruntieri u r-rijammissjoni, il-koperazzjoni transkonfinali, u l-koperazzjoni ġudizzjarja u bejn il-pulizija, anke fir-rigward tal-kriminalitajiet tal-gwerra, u l-konklużjoni ta' ftehimiet bħal dawn fejn tali ftehimiet ikunu għadhom pendenti.

Kriterji ekonomiċi

— Kontinwazzjoni fl-implimentazzjoni ta' politika prudenti fis-setturi fiskali, monetarji u finanzjarji bil-għan li tinżamm stabbiltà makroekonomika, inklużi inflazzjoni baxxa, stabbiltà fir-rata tal-kambju u tnaqqis ulterjuri fil-parti tal-PGD rrappreżentata mill-ispiża pubblika globali u mid-defiċit u d-dejn pubbliku.

— Kontinwazzjoni fir-riformi istituzzjonali fis-settur tal-finanzi pubbliċi bil-għan li titkabbar it-trasparenza fiskali u li jittejbu l-effiċjenza u t-trasparenza tal-ġestjoni tad-dejn pubbliku, u li jitwettaq it-tibdil ippjanat ta' l-irrappurtar tal-baġit għall-allinjament skond il-prinċipji ta' l-ESA 95.

— Kontinwazzjoni fl-implimentazzjoni tar-riformi globali tas-settur tal-kura tas-saħħa biex tiġi evitata l-akkumulazzjoni ta' arretrati ġodda ta' ħlasijiet fis-sistema tas-saħħa u biex tittejjeb l-effiċjenza ta' l-ispiża fuq is-saħħa. Kontinwazzjoni fir-riforma ta' l-ispiża marbuta mal-benefiċċji soċjali. L-iżgurar tas-sostenibbiltà finanazjarja ta' l-ewwel pilastru tas-sistema tal-pensjoni permezz ta' riformi xierqa tal-parametri.

— Kontinwazzjoni fil-faċilitazzjoni tad-dħul ta' l-impriżi fis-suq permezz ta' aktar tnaqqis fil-ħin u l-proċeduri meħtieġa u l-ispejjeż għall-ħolqien ta' entità kummerċjali. It-titjib fil-proċeduri tal-falliment biex jitħaffef il-ħruġ mis-suq.

— It-titjib fil-qafas istituzzjonali għall-privatizzazzjoni bil-għan li tiġi avvanzata b'mod sinifikanti l-privatizzazzjoni tal-kumpaniji miżmuma taħt il-Fond ta' Privatizzazzjoni ta' l-Istat. Kontinwazzjoni fir-ristrutturazzjoni ta' l-impriżi ta' sjieda statali li jkunu qed jagħmlu telf u tas-sistema ferrovjarja biex jitnaqqas l-ammont ta' sussidji lis-settur ta' l-impriżi bħala sehem mill-PGD.

— It-titjib fis-setturi ta' l-inċentivi u l-flessibbiltà fis-suq tax-xogħol biex tiżdied il-parteċipazzjoni u r-rata ta' l-impjieg.

Abbilità għall-irfigħ ta' l-obbligi tas-sħubija

Kapitolu 1: Moviment ħieles tal-prodotti

— L-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni qafas orizzontali biex tinkiseb l-infrastruttura meħtieġa, u tiġi żgurata s-separazzjoni tal-ħidmiet bejn id-diversi funzjonijiet (regolatorji, standardizzazzjoni, akkreditazzjoni, metroloġija, evalwazzjoni tal-konformità u sorveljanza tas-suq).

— L-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' strateġija globali għat-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-KE għall-organizzazzjoniet orizzontali rilevanti (standardizzazzjoni, akkreditazzjoni, metroloġija u sorveljanza tas-suq) u f'ċerti setturi, kif ukoll it-titjib tal-kapaċità amministrattiva.

— L-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' Pjan ta' Azzjoni għal konformità ma' l-Artikoli 28-30 tat-TKE, inkluża l-introduzzjoni ta' klawżoli ta' rikonoxximent reċiproku.

— Kontinwazzjoni ta' l-adozzjoni ta' standards Ewropej. Kontinwazzjoni fit-tħejjijiet għat-twettiq tal-kriterji ta' sħubija għall-entitajiet ta' standardizzazzjoni.

— Kontinwazzjoni fit-traspożizzjoni tad-direttivi ta' Approċċ ġdid u Approċċ qadim, b'mod partikolari fir-rigward għall-prodotti farmaċewtiċi.

Kapitolu 2: Moviment liberu tal-ħaddiema

— It-tneħħija ta' kull miżura diskriminatorja lejn l-ħaddiema migranti fl-UE u lejn iċ-ċittadini ta' l-UE.

— It-tisħiħ ta' l-istrutturi amministrattivi għall-koordinazzjoni ta' l-iskemi tas-sigurtà soċjali.

Kapitolu 3: Dritt ta' l-istabbiliment u libertà għall-provvista ta' servizzi

— Kontinwazzjoni fl-allinjament tal-leġiżlazzjoni ma' l-acquis fir-rigward tar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali għaċ-ċittadini ta' l-UE u l-emendar tal-leġiżlazzjoni eżistenti għat-tħassir tal-bqija tar-rekwiżiti relatati man-nazzjonalità, il-lingwa, l-istabbiliment jew l- awtorizzazzjoni għall-eżerċizzju ta' attività kummerċjali għall-forniturі tas-servizzi ta' l-UE, it-tneħħija ta' l-ixkiel amministrattiv u tekniku għad-dritt ta' l-istabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi u jiġi żgurat it-trattament ugwali ta' applikazzjonijiet għal permessi ta' negozju, inkluż il-permessi għall-bini.

Kapitolu 4: Moviment ħieles tal-kapital

— Kontinwazzjoni fil-ħolqien ta' mekkaniżmu effikaċi għal kontra l-ħasil tal-flus, b'mod partikolari billi jiġi żgurat li l-aġenziji ta' l-infurzar ikunu qed joperaw b'mod sħiħ, ikollhom riżorsi biżżejjed u jkunu kkoordinati tajjeb bil-kontropartijiet tagħhom domestiċi u internazzjonali.

— Il-ksib ta' progress ulterjuri fit-tneħħija tar-restrizzjonijiet li fadal fuq il-movimenti tal-kapital; it-tneħħija tar-restrizzjoni kollha fuq ix-xiri ta' proprjetà immobbli miċ-ċittadini ta' l-UE konformement ma' l-SAA u l-iżgurar li sadattant l-applikazzjonijiet kollha minn ċittadini ta' l-UE għall-permessi biex jixtru l-proprjetà immobbli jiġu ttrattati bil-ħeffa.

Kapitolu 5: Appalti pubbliċi

— It-tħollija f'idejn aġenzija responsabbli mill-akkwisti pubbliċi biex tiggarantixxi politika koerenti u trasparenti u tipprovdi direzzjoni fl-implimentazzjoni tagħha fl-oqsma kollha marbuta ma' l-appalti pubbliċi.

— L-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' strateġija globali b'perjodi skedati u stadji importanti għall-allinjament tal-leġiżlazzjoni u r-rinfurzar tal-kapaċitajiet fl-oqsma kollha marbuta ma' l-appalti pubbliċi (kuntratti pubbliċi, konċessjonijiet, sħubiji privati-pubbliċi) kif ukoll fejn jidħlu proċeduri u entitajiet ta' kontroll. It-tisħiħ ta' mekkaniżmi ta' l-infurzar ta' entitajiet ta' kontroll.

Kapitolu 6: Liġi tal-kumpaniji

— L-allinjament ta' l-Att tal-Kumpaniji ma' l-acquis u t-twassil sat-tmien ta' allinjament mad-Direttiva dwar l-offerti pubbliċi għat-teħid ta' kontroll.

— L-allinjament tal-leġiżlazzjoni tal-kontabbiltà u l-ivverifikar ma' l-acquis. It-tisħiħ tal-qafas istituzzjonali rilevanti.

Kapitolu 7: Liġi dwar il-proprjetà intelletwali

— It-twassil sat-tmien ta' l-allinjament ma' l-acquis fejn għandhom x'jaqsmu d-drittijiet ta' l-awtur u d-drittijiet relatati u l-iżgurar ta' l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali permezz tat-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva ta' l-entitajiet rilevanti.

— Ir-reġistrazzjoni ta' riżultati disponibbli sodisfaċenti fil-qasam ta' l-investigazzjonijiet, il-prosekuzzjonijiet, u t-trattament ġudizzjarju ta' każi ta' piraterija u ffalsifikar.

Kapitolu 8: Politika ta' kompetizzjoni

— L-adozzjoni ta' Programm Nazzjonali ta' Ristrutturazzjoni għas-settur ta' l-azzar biex ikunu żgurati l-vijabbiltà tar-regoli ta' l-UE u r-rispett lejhom fejn għandhom x'jaqsmu għajnuniet mill-Istat. L-adozzjoni ta' pjan ta' ristrutturazzjoni individwali għal kull tarzna li tkun tinsab f'diffikultà u l-inkorporazzjoni ta' dawn il-pjani fi Programm Nazzjonali ta' Ristrutturazzjoni konformement mar-regoli ta' l-UE fir-rigward ta' l-għajnuniet mill-Istat.

— It-twassil sat-tmiem ta' l-allinjament leġiżlattiv mar-regoli ta' l-għajnuna mill-Istat ta' l-UE fis-settur ta' l-għajnuna fiskali u l-allinjament tal-bqija ta' l-iskemi ta' għajnuna l-oħra kollha identifikati fl-inventarju ta' l-għajnuna mill-Istat bħala skemi inkompatibbli mar-regoli ta' l-UE. L-adozzjoni ta' pjan dettaljat għall-għajnuna reġjonali.

— L-adozzjoni ta' miżuri leġiżlattivi li jippermettu li jitwettaq kontroll effikaċi ta' l-anti-trust, b'mod partikolari fir-rigward tad-determinazzjoni ta' l-emendi u l-kontroll ġudizzjarju.

Kapitolu 9: Servizzi finanzjarji

— It-twassil sat-tmiem tat-traspożizzjoni ta' l-acquis dwar il-liċenzji tal-bank, ir-rekwiżiti tal-kapital, l-istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi, il-konglomerati finanzjarji, il-likwidazzjoni u rijorganizzazzjoni, il-kontijiet bankarji, il-kontijiet fil-fergħat tal-banek u l-iskemi ta' garanzija tad-depożiti.

— It-twassil sat-tmiem ta' l-allinjament tal-leġiżlazzjoni relatata mal-marġni ta' solvenza, mas-sorveljanza ta' l-assigurazzjonijiet, mal-medjazzjoni fi kwistjonijiet relatati ma' l-assigurazzjoni u rijassigurazzjoni, ma' l-infrastruttura tas-suq finanzjarju, u mas-swieq ta' l-investimenti u s-sigurtajiet.

— Il-ħolqien ta' sistema ta' kumpens għall-investituri konformement ma' l-acquis. It-twettiq ta' l-implimentazzjoni ta' rekwiżiti prudenzjali permezz tal-ksib ta' riżultati pożittivi disponibbli.

Kapitolu 10: Soċjetà ta' l-informazzjoni u l-midja

— It-twassil sat-tmien ta' l-allinjament ma' l-acquis fejn jikkonċerna l-komunikazzjoni elettronika, il-kummerċ elettroniku, il-firem elettroniċi, is-sigurtà ta' l-informazzjoni u d-Direttiva dwar it-Televiżjoni mingħajr Fruntieri.

— L-iżgurar ta' kapaċità amministrattiva suffiċjenti biex jiġi infurzat l-acquis, b'mod partikolari fil-qasam tal-komunikazzjoni elettronika u l-ksib ta' riżultati pożittivi disponibbli fir-rigward ta' l-infurzar ta' l-obbligi imposti fuq l-operaturi li huma b'saħħithom ħafna fis-suq u d-drittijiet ta' dawk li daħlu ġodda fis-suq tal-komunikazzjoni elettronika, inklużi d-drittijiet ta' aċċess, il-kollokalizzazzjoni u l-qsim tar-riżorsi.

— It-twassil sat-tmiem tar-reviżjoni prevista tal-leġiżlazzjoni relatata mal-midja awdjoviżiva fuq il-bażi ta' konsultazzjoni pubblika biex tiġi żgurata indipendenza regolatorja u protezzjoni kontra ndħil politiku mhux ġustifikat.

Kapitolu 11: Agrikoltura u żvilupp rurali

— It-tisħiħ ta' l-istrutturi amministrattivi u l-kapaċità meħtieġa għall-implementazzjoni tal-politika tas-suq u dik ta' l-iżvilupp rurali, inklużi l-ġbir u l-ipproċessar ta' data dwar l-agrikoltura.

— It-twaqqif ta' reġistru ta' l-għelieqi tad-dwieli konformement ma' l-istandards ta' l-UE.

— It-tkomplija tat-thejjijiet għat-twaqqif ta' korpi effettivi u finanzjarjament sodi għall-pagamenti għall-ġestjoni u għall-kontroll tal-fondi agrikoli, konformement mal-ħtiġijiet ta' l-UE u ma' l-istandards internazzjonali ta' verifika.

Kapitolu 12: Sigurtà fl-ikel, politika veterinarja u fitosanitarja

— It-titjib sostanzjali ta' l-allinjament tal-leġiżlazzjoni relatata mas-settur tas-sikurezza ta' l-ikel, is-settur veterinarju u s-settur fitosanitarju u t-tisħiħ ta' l-istrutturi meħtieġa għall-implimentar, inklużi s-servizzi ta' kontroll u spezzjoni.

— L-iżgurar ta' ħolqien ta' sistemi konformi mas-setturi tas-sikurezza ta' l-ikel, u s-setturi vetenirarji u fitosanitarji, inkluża sistema għall-identifikazzjoni ta' l-annimali u r-reġistrazzjoni tal-moviment, it-trattament tal-prodotti sekondarji mill-annimali, il-modernizzazzjoni ta' l-istabbilimenti agroalimentari, is-saħħa ta' l-annimali u programmi għall-kontroll tal-mard ta' l-annimali, il-kontrol ta' l-annimali u l-prodotti ta' l-annimali fil-postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntieri, il-kontroll fuq is-saħħa tal-pjanti, l-awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u l-kontroll fuq ir-residwi tagħhom kif ukoll il-kwalità taż-żrieragħ u tal-materjal għall-propagazzjoni tal-pjanti.

Kapitolu 13: Sajd

— It-tisħiħ ta' l-istrutturi amministrattivi u, b'mod partikolari, l-istrutturi ta' spezzjoni, meħtieġa għat-twettiq tal-politika tas-sajd u t-titjib fil-ġbir tad-data dwar il-qbid u l-iżbarkamenti.

— It-tlestija tat-twaqqif ta' reġistru kompjuterizzat tal-bastimenti tas-sajd u ta' sistema ta' monitoraġġ bis-satellita tal-bastimenti.

Kapitolu 14: Politika tat-trasport

— It-twassil sat-tmiem ta' l-allinjament ma' l-acquis ta' l-UE u t-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva fis-settur tat-trasport stradali (inkluża l-implimentazzjoni tat-takografu diġitali), it-trasport bl-ajru, it-trasport bil-baħar u fis-settur tan-navigazzjoni interna, b'mod partikolari fir-rigward tas-sikurezza tan-navigazzjoni u tas-Servizzi ta' Informazzjoni dwar ix-Xmajjar.

— L-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni għall-implementazzjoni għat-trasport bil-ferrovija, b'mod partikolari dispożizzjonijiet ta' interoperabbiltà u l-allokazzjoni indipendenti tal-kapaċità. Il-pubblikazzjoni ta' verżjoni finali tad-dokument ta' referenza dwar in-netwerk.

— L-implimentazzjoni ta' l-ewwel fażi tranżitorja tal-Ftehim dwar l-Ispazju ta' l-Ajru Komuni ta' l-Ewropa (ECAA) u r-ratifika tiegħu.

Kapitolu 15: Enerġija

— It-twettiq ta' l-obbligi stabbiliti mit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità ta' l-Enerġija.

— It-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva u t-twassil sat-tmiem ta' l-allinjament ma' l-acquis ta' l-UE fl-oqsma tas-sigurtà tal-forniment, l-effiċjenza enerġetika u s-sorsi rinnovabbli ta' l-enerġija, is-suq intern ta' l-enerġija (elettriku u gass) u l-qasam ta' l-enerġija nukleari, kif ukoll l-iżgurar ta' livell għoli ta' sigurtà nukleari u protezzjoni kontra r-radjazzjoni.

Kapitolu 16: Tassazzjoni

— It-tħaffif fit-twettiq ta' l-allinjament tal-leġiżlazzjoni fiskali ma' l-acquis b'attenzjoni partikolari biex jiġu inklużi żoni franki fl-applikazzjoni territorjali tas-sistema tal-VAT, biex jitneħħew il-kwoti żero eżistenti tal-VAT, u biex tiġi eleminata t-tassazzjoni diskriminatorja fuq is-sigaretti u biex titwettaq armonizzazzjoni ulterjuri fis-sistema tat-taxxa tas-sisa.

— Tisħiħ sinifikattiv tal-kapaċità għall-infurzar ta' l-amministrazzjonijiet fiskali u doganali, b'mod partikolari fir-rigward tal-funzjonijiet ta' ġbir u kontroll u l-iżviluppar tas-sistemi informatiċi meħtieġa; il-kontinwazzjoni tax-xogħol fuq il-ħolqien ta' servizz tas-sisa li jiffunzjona u li jkollu persunal suffiċjenti; l-issimplifikar tal-proċeduri r-rinfurzar tal-kontrolli biex titwettaq prosekuzzjoni effikaċi kontra l-frodi fiskali.

— L-impenn favur il-prinċipji tal-Kodiċi ta' Kondotta fil-qasam tat-tassazzjoni ta' l-intrapriżi u l-assigurazzjoni tal-konformità ta' miżuri ġodda tat-taxxa ma' dawn il-prinċipji.

Kapitolu 17: Unjoni Ekonomika u Monetarja

— L-allinjament tal-qafas legali sabiex tiġi żgurata l-indipendenza sħiħa tal-bank ċentrali, biex jiġi gurat allinjament fir-rigward tal-projbizzjoni ta' aċċess privileġġat għas-settur pubbliku għall-istituzzjonijiet finanzjarji u biex tingħata l-possibbiltà ta' integrazzjoni sħiħa ta' dan fis-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ).

Kapitolu 18: Statistika

— It-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva ta' l-Uffiċċju ta' l-Istatistika, ir-riformar ta' l-uffiċċji reġjonali tiegħu u t-titjib tal-koordinazzjoni ma' produtturi oħra ta' statistika uffiċjali.

— Kontinwazzjoni fl-iżvilupp ta' l-istatistika agrikola, makroekonomika u ta' l-impriżi.

Kapitolu 19: Politika soċjali u impjieg

— Allinjament ulterjuri ma' l-acquis u t-tisħiħ ta' l-istrutturi relatati amministrattivi u ta' infurzar, inklużi l-ispettorati tax-xogħol, f'assoċjazzjoni ma' l-imsieħba soċjali.

— L-implimentazzjoni effikaċi tal-Memorandum Konġunt dwar l-Integrazzjoni Soċjali (JIM) u, ġaladarba jiġi adottat, id-Dokument Konġunt ta' Valutazzjoni dwar il-Prijoritajiet tal-Politika ta' l-Impjieg (JAP).

Kapitolu 20: Politika industrijali u għall-impriżi

— L-implimentazzjoni ta' strateġija ta' politika industrijali globali, b'enfażi partikolari fuq ir-ristrutturazzjoni ta' setturi ewlenin li qed jagħmlu t-telf u kumpaniji individwali, inklużi dawk ta' l-azzar u t-tarznar.

Kapitolu 21: Netwerks tranżewropej

— Iż-żieda fl-interkonnessjonijiet tal-gass u l-elettriku ma' pajjiżi ġirien.

Kapitolu 22: Politika reġjonali u koordinazzjoni ta' strumenti strutturali

— L-adozzjoni u t-tnedija ta' l-implimentazzjoni ta' plan ta' azzjoni li jistipula għanijiet ċari u programm skedat relatat sabiex jiġu mwettqa r-rekwiżiti regolatorji u operattivi mnissla mill-politika Komunitarja ta' koeżjoni, inkluż it-tisħiħ tal-kapaċità fuq il-livelli ċentrali, reġjonali, u lokali.

— L-iżgurar ta' distribuzzjoni ċara tar-responsabbiltajiet u t-tisħiħ tal-kapaċità ta' l-awtoritajiet/strutturi ta' implimentazzjoni maħtura u tal-koordinazzjoni bejniethom, inklużi l-awtoritajiet lokali.

— L-adozzjoni ta' l-Att dwar l-Iżvilupp Reġjonali.

— Ir-rinfurzar tal-kapaċità għall-ipprogrammar, it-tħejjija tal-proġetti, is-sorveljar, l-ivvalutar u l-ġestjoni u l-kontroll finanzjarju, partikolarment tal-Ministeri responsabbli, biex jiġu implimentati l-programmi Komunitarji ta' qabel l-adeżjoni bħala tħejjija għall-politika Komunitarja tal-koeżjoni.

Kapitolu 23: Sistema ġudizzjarja u drittijiet fundamentali

— Kontinwazzjoni fl-implimentazzjoni tal-liġi naturali dwar il-protezzjoni tad-data personali konformement ma' l-acquis u l-iżgurar ta' sorveljar u infurzar effiċjenti.

— Għal prijoritajiet oħra ara t-taqsima dwar il-kriterji politiċi.

Kapitolu 24: Ġustizzja, libertà u sigurtà

— Kontinwazzjoni fir-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni ewlenija għall-allinjament ma' l-acquis ta' Schengen u l-estenzjoni ta' l-investimenti fuq livell lokali f'termini ta' tagħmir informatiku u taħriġ ulterjuri għall-pulizija.

— Kontinwazzjoni fit-tħejjijiet għall-implimentazzjoni ta' l-acquis ta' Schengen permezz ta' żieda fil-livelli tal-persunal u t-taħriġ tal-gwardjani tal-fruntieri, aktar investiment fit-tagħmir inkluża l-estenzjoni tas-Sistema Nazzjoni għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-iżgurar tal-kompatibbiltà tagħha mas-Sistema ta' l-Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II). It-titjib fil-kapaċità amministrattiva u ta' infurzar tal-pulizija tal-fruntieri permezz tat-tkabbir tal-koperazzjoni bejn l-aġenziji.

— Kontinwazzjoni fl-allinjament mal-politika Komunitarja dwar il-viżi, inkluża l-introduzzjoni ta' identifikaturi bijometriċi fid-dokumenti ta' l-ivvjaġġar u t-tħejjijiet għas-sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viżi.

— L-introduzzjoni ta' leġiżlazzjoni sekondarja għall-implimentazzjoni ta' l-Att dwar l-Ażil u l-Att dwar il-Persuni Barranin.

— L-iżgurar ta' kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni ma' l-acquis f'koperazzjoni ġuridika f'materji ċivili u kriminali u t-tisħiħ tal-kapaċità tal-ġudikatura biex tapplika l-acquis.

Kapitolu 25: Xjenza u riċerka

— L-iżgurar ta' kapaċità xierqa biex jintrefa' l-piż ta' proġetti ta' riċerka ffinanzjati mill-UE.

— Kontinwazzjoni fit-teħid u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet biex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni fi ħdan iż-Żona Ewropea ta' Riċerka.

Kapitolu 26: Edukazzjoni u kultura

— L-iżgurar ta' kapaċità xierqa għall-ġestjoni tal-programmi Edukazzjoni u Taħriġ għal matul il-Ħajja Kollha (Lifelong Learning) u Żgħożija fl-Azzjoni (Youth in Action).

— L-allinjament ma' l-acquis fir-rigward tan-non-diskriminazzjoni bejn iċ-ċittadini ta' l-UE u l-Kroazja fl-aċċess għall-edukazzjoni kif ukoll mad-Direttiva dwar l-edukazzjoni tat-tfal tal-ħaddiema migrati.

Kapitolu 27: Ambjent

— It-tkomplija fil-ħidma fuq it-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni ta' l-acquis ta' l-UE, b'enfasi partikolari fuq il-ġestjoni ta' l-iskart, il-kwalità ta' l-ilma, il-kwalità ta' l-arja, il-protezzjoni tan-natura u l-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis.

— L-adozzjoni u l-implimentazzjoni, b'mod koordinat sew, ta' pjan globali għall-istituzzjoni tal-kapaċità amministrattiva u r-riżorsi finanzjarji meħtieġa biex jiġi implimentat l-acquis dwar l-ambjent.

— It-tkabbir ta' l-investimenti fl-infrastruttura ambjentali, b'enfasi partikolari fuq il-ġbir u t-trattament ta' l-ilma mormi, il-provvista ta' l-ilma tax-xorb u l-ġestjoni ta' l-iskart.

— It-tnedija ta' l-implimentazzjoni tal-Protokoll ta' Kjoto.

— L-iżgurar ta' l-integrazzjoni ta' rekwiżiti għall-protezzjoni ta' l-ambjent fid-definizzjoni u l-implemetazzjoni ta' linji politiċi settorjali oħrajn u l-promozzjoni ta' l-iżvilupp sostenibbli.

Kapitolu 28: Protezzjoni tal-konsumatur u s-saħħa

— L-allinjament ulterjuri ma' l-acquis relatat mal-konsumatur u s-saħħa, speċjalment fis-setturi tat-tessuti u ċ-ċelluli umani kif ukoll fis-settur tat-tabakk, u l-iżgurar li jkun hemm strutturi amministrattivi u kapaċità għall-infurzar xierqa.

— Fil-qasam tas-saħħa mentali, l-iżvilupp ta' serviżżi bbażati fil-komunità bħala alternattiva għall-istituzzjonalizzazzjoni, u l-iżgurar ta' l-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji biżżejjed għall-kura tas-saħħa mentali.

Kapitolu 29: Unjoni doganali

— Kontinwazzjoni fl-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni fl-għadd limitat ta' setturi li fadal fejn hu meħtieġ allinjament ulterjuri, b'mod partikolari fir-rigward ta' regoli ta' oriġini mhux preferenzjali u l-applikazzjoni tat-tariffi.

— L-applikazzjoni ta' regoli tad-dwana b'mod konsistenti u omoġenju fl-uffiċċji kollha tad-dwana, speċjalment fis-setturi ta' l-ipproċessar tad-dikjarazzjonijiet, l-oriġini, il-proċeduri ssimplifikati, il-falsifikazzjoni u s-selettività tal-kontrolli; l-iżgurar ta' l-applikazzjoni ta' proċeduri ta' analiżi tar-riskju moderni u konsistenti fl-uffiċċji kollha.

— fuq il-bażi ta' strateġija globali u koerenti, il-ksib ta' progress suffiċjenti fl-iżviluppar ta' l-interkonnettività fis-sistemi informatiċi kollha.

Kapitolu 30: Relazzjonijiet esterni

— It-tħejjija għall-allinjament tal-ftehim internazzjonali rilevanti kollu ma' pajjiżi terzi u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet amministrattivi u ta' kontroll previsti għall-qafas tal-politika kummerċjali komuni

Kapitolu 31: Politika barranija, ta' sigurtà u ta' difiża

— It-tisħiħ tal-mekkaniżmi għall-implimentazzjoni u l-infurzar tal-kontroll ta' l-armi u t-titjib ulterjuri fil-kapaċità għal implimentazzjoni sħiħa tas-CFSP-ESDP.

Kapitolu 32: Kontroll finanzjarju

— L-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni relatata mal-PIFC u tal-politika inerenti sostnuta minn kapaċità xierqa għall-implimentazzjoni.

— Il-protezzjoni ta' l-indipendenza funzjonali u finanzjarja ta' l-Istituzzjoni tal-Verifika ta' l-Istat permezz ta' emendi għad-dispożizzjonijiet kostituzzjonali jew ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li jkollha effett ekwivalenti, u l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni meħtieġa ta' akkumpanjament.

— L-allinjament tal-Kodiċi Kriminali ma' l-acquis dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji ta' l-UE kif ukoll mal-konvenzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji u l-protokolli tagħha.

— Il-ħolqien ta' servizz ta' koordinazzjoni effikaċi u effiċjenti biex jiggarantixxi t-twettiq ta' l-obbligi stabbiliti mill-Artikolu 280(3) tat-Trattat tal-KE u l-applikazzjoni ta' l-acquis fir-rigward ta' l-iċċekkjar u l-ispezzjoni fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni, partikolarment l-obbligu biex tingħata għajnuna lill-ispetturi tal-Kummissjoni.

— It-teħid ta' miżuri leġiżlattivi u amministrattivi biex tintlaħaq konformità ma' l-acquis dwar il-protezzjoni ta' l-Ewro kontra l-iffalsifikar.

Kapitolu 33: Dispożizzjoniiet finanzjarji u dwar il-budget

— It-tkabbir tal-kapaċità amministrattiva u t-tħejjija tar-regoli proċedurali biex tiġi żgurata, sa mill-adeżjoni, il-korrettezza fil-kalkolu, it-tbassir, il-ġbir, il-ħlas u l-kontroll tar-riżorsi proprji u r-rappurtar dwarhom lill-UE.

4. **PROGRAMMAZZJONI**

Tingħata għajnuna Komunitarja permezz ta' l-istrument ta' qabel l-adeżjoni (IPA) u, għall-programmi adottati qabel l-2007, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2666/2000 tal-5 ta' Diċembru tas-sena 2000 dwar l-assistenza għall-Albanija, il-Bożnja u Ħerzegovina, il-Kroazja, ir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja u l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (ir-regolament CARDS) ([1]). Għalhekk, din id-Deċiżjoni mhux se jkollha implikazzjonijiet finanzjarji. Il-ftehimiet finanzjarji jservu bħala bażi legali għall-implimentazzjoni tal-programmi konkreti.

Il-Kroazja tista' ssib aċċess għal finanzjamenti minn programmi multinazzjonali u orizzontali.

5. **KONDIZZJONALITÀ**

L-assistenza għall-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent tingħata bil-kondizzjoni li jsir iktar progress fit-twettiq tal-kriterji ta' Kopenħagen kif ukoll tar-rekwiżiti tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u prijoritajiet speċifiċi ta' din l-Iśħubija għall-Adeżjoni. In-nuqqas ta' rispett lejn dawn il-kundizzjonijiet jista' jwassal biex il-Kunsill jieħu miżuri xierqa fuq il-bażi ta' l-Artikolu 21 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 jew, fil-każ ta' programmi ta qabel l-2007, fuq il-bażi ta' l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2666/2000. L-assistenza hija wkoll suġġetta għall-kundizzjonijiet definiti mill-Kunsill fil-Konklużjonijiet tiegħu tad-29 ta' April ta' l-1997, b'mod partikulari fir-rigward ta' l-impenn tar-riċevituri li jwettqu r-riformi demokratiċi, ekonomiċi u istituzzjonali. Kundizzjonijiet speċifiċi huma ukoll inklużi fil-programmi individwali ta' kull sena. Id-deċizjonijiet finanzjarji ser jiġu segwiti bl-iffirmar ta' ftehim finanzjarju mal-Kroazja.

6. **SORVELJANZA**

L-implimentazzjoni ta' l-Iśħubija għall-Adeżjoni għandha tiġi eżaminata fil-qafas tal-Proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, speċjalment permezz tar-Rapporti Annwali sottomessi mill-Kummissjoni, fil-kuntest tad-djalogi politiċi u ekonomiċi, kif ukoll fuq il-bażi tat-tagħrif ipprovdut fil-konferenza ta' l-adeżjoni.

([1]) ĠU L 306, 7.12.2000, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2112/2005 (ĠU L 344, 27.12.2005, p. 23).